MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru. 375/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Thomas Azzopardi ta' 23 sena, iben Batholomeo u Maria Lourdes xebba' Gauci, imwieled Pieta` nhar id-19 ta' Awissu, 1985, li joqghod '58', Sancta Maria, Triq Exelsior, Gharghur, bin-numru tal-identita` 0438685(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Thomas Azzopardi u cioe` talli nhar id-19 ta' April, 2009, ghal-habta ta' 22.00 hours' gewwa Triq Excelsior, Gharghur u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin;

(i) ghamel ingurji u theddid bil-mewt lil Clarissa Mifsud li ghandha n-numru ta' karta tal-identita` 0535787(M),

liema theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien ipprovakat ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

(ii) flimkien ma' theddid lil Clarissa Mifsud li ghandha numru tal-identita 0535787(M) ukoll fil-kaz ta' theddid bil-fomm, ghamel ordni jew kundizzjoni;

(iii) ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Mifsud li ghandu n-numru tal-karta tal-identita` 798685(M) persuna, li ghandu aktar minn sittin sena ai termini l-artikolu 222 A. tal-Kap 9.

(iv) bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Clarissa Mifsud li ghandha numru ta' karta tal-idenita` 0535787(M), biza li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkagunalhom biza;

(v) aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

(vi) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded lil Clarissa Misud u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata mill-imputat wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat u l-provi migbura l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, il-fedina penali tal-imputat u r-retroxena li wasslet ghal dawn l-akkuzi li llum jirrizulta li gew sorvolati kif ukoll il-fatt li l-parte leza stess fix-xhieda taghha tghid li l-koppja lesti li jinghaqdu fiz-zwieg.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 249(1), 251B(1) 338(dd), 339(1)(e), 18, 85. 22A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 35A(a)(b) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lil hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum kif ukoll tikkundanna lill-hati ihallas multa ta' mitt euro (€100).

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kundizzjoni.

Il-Qorti tordna li kopja tal-atti u s-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------